TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 64/15-F

**Alfred Dalli**

**vs**

**Goldcar Rental / Rhodium Car Rental**

Illum, 30 ta' Novembru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-30 ta' Marzu, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, mija u ħamsin ewro (€1,150), rappreżentanti €70.29 multa kif ukoll *administration charge* ta' €47, kif ukoll €500 tal-clutch u €300 għal tyre, kif ukoll €50 *administration fee*, u €153 vat.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi kera vettura u wara li ħadha lura spiċċa li ġibdulu mill-kont tiegħu ammont konsiderevoli li jirrifletti ċitazzjoni, *administration fee*, tyre u spejjeż ta' clutch u ikkonkluda li dan kienu parti mill-kuntratt li kien iffirma.

L-intimat issottometta illi dak li r-rikorrenti kien obligat li jħallas huwa kollox skond il-ftehim li kien iffirmat għall-*administration fee*, għaċ-ċitazzjoni kif ukoll iċ-charges sabiex ikopri l-clutch u t-tyre.

It-Tribunal jinnota s-segwenti, illi r-rikorrenti kien mar biex iħallas iċ-ċitazzjoni u kellu l-għażla li ma ngħatalux u xorta weħel €47 *administration fee*.

It-Tribunal jinnota wkoll illi l-€500 ta' clutch huwa naqra esaġerat stante li dan kien għadu ġdid, kif ukoll €300 għat-tyre, u €50 *administration fee* hija wkoll esaġerata, u dan minkejja li wieħed għandu hekk fuq il-ftehim, dan ma jfissirx illi jista' jiċċarġja rati esorbitanti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna tnaqqis u rifużjoni ta' €47 li kienet l-*administration fee* ta' ċitazzjoni, riduzzjoni ta' €200 tal-clutch, u riduzzjoni oħra ta' €200 tat-tyre, kif ukoll riduzzjoni ta' €50 tal-*administration fee*, ammontanti għal €497.

Għaldaqstant it-Tribunal, jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' erba' mija, u sebgħa w disgħin ewro (€497) lir-rikorrenti, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**